# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 24 ta' Jannar 2023**

**Talba numru 315/2021 SFJ**

**Vodafone Malta Linited illum**

**EPIC COMMUNICATIONS LTD (C 10865)**

**VS.**

**LUKE MICALLEF (KI 0055290 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu is-Soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet:

> *" Illi din l-Onorabbli Qorti għoġobha tordna w tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' elfejn, erba' mija w sebgħa w tmenin ewro u disgħa w sittin ċenteżmu (EUR2,487.69), rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari, bil-kont bin-numru 1.11044136, 1.11019954 u 1.11031446, fuq talba huwa benefiċċju tal-intimat u dan kif jirriżulta mill-fattura li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa w immarkata 'DOK X1 u 'DOK X2';*

*Illi dan il-kreditu qiegħed jiġi kkonfermat mir-rappreżentant tas-Soċjeta' attriċi, u dan kif jirriżulta mill-Affidavit hawn anness u mmarkat 'DOK X3';*

*Bl-ispejjes u bl-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv."*

It-Tribunal ra illi wara li saru diversi tentattivi għan-notifika tal-konvenut, kellha tiġi adoperata il-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u fil-gazzetti lokali.

It-Tribunal ra li l-konvenut ma ppreżenta l-ebda risposta u ma deher għall-ebda seduta.

It-Tribunal ra d-dokumentazzjoni ppreżentatha, inkluż l-Affidavit ta' Dr. Jeremy Debono, li ġie ppreżentat mal-istess avviż.

It-Tribunal ra li l-kawża tħalliet għas-Sentenza għall-24 ta' Jannar 2023.

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal jirreferi għall-Affidavit ta' Dr. Jeremy Debono u l-kontenut tiegħu, li kkonferma din is-somma dovuta. Oltre illi x-xhieda ta' Dr. Debono hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut la rrippreżenta risposta u lanqas ebda difiża jew risposta u ebda prova ta' kontradizzjoni. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu l-ebda raġuni għalfejn jiddubita il-veraċita' tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja weħidha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***<u>Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva, it-Tribunal ma jsib l-ebda diffikulta' jikkonkludi li s-Soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-Avviż tat-talba.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-Soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha is-somma ta' elfejn, erba' mija w sebgħa w tmenin ewro u disgħa w sittin ċenteżmu (EUR2,487.69), bl-imgħaxx, liema imgħaxx għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-Liġi, mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jikkundanna li l-ispejjes tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**